MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 30/2003/1

Carmel Saliba, Andreana mart Tuse' Costa, Alfrida mart Joseph Busuttil, Maria Carmela mart Carmelo Gatt, Rita mart Alexander Carachi f'isimha proprio u bhala mandatarja ta' ohtha l-assenti Rosina Gaetana mart Joseph Galdes u Grazia armla minn Joseph Saliba

Vs

Alfred u Ludgarda ahwa Zammit

Il-Bord,

Ra r-rikors ta Carmel Saliba et li jesponu bir-rispett:

Illi huma sidien tal-fond 62 Pinto Street, Qormi li jikru lill-intimati bil-kera ta' Lm60 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem kull 15 ta' Awissu.

Illi l-intimati m'ghadhomx jghixu fil-fond in kwistjoni u marru joqghodu fil-fond 61 Pinto Street Qormi.

Illi huma cedew u/jew ittrasferew il-kirja tal-fond lil Katerina Zammit pero' baqghu jdahhlu l-karozza fil-garage anness mad-dar 62 Pinto Street Qormi.

Illi huma m'ghandhomx dritt jibqghu jikru l-fond imsemmi stante li huma willew l-istess fond kif ukoll peress li huma m'ghadhomx jghixu fil-fond in kwistjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna r-ripreza tal-fond 62 Pinto Street Qormi taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan l-Onorabbli Bord joghgbu xieraq u opportun u dan fi zmien qasir u perentorju.

Ra r-risposta ta' Alfred u Ludgarda ahwa Zammit li jesponu bir-rispett:

Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhuwiex minnu illi m'ghadhomx jghixu fil-fond de quo kif ser ikun ipruvat waqt it-tratazzjoni tal-kawza.

U salv eccezzjonijiet ulterjuri

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra l-verbal tas-16 ta' Novembru 2005

Ikkonsidra,

1. Il-kawzali hjija wahda; cessjoni jew trasferiment tal-kirja mill-intimati Alfred u Ludgarda ahwa Zammit tal-fond 62 Triq Pinto Hal Qormi lil Catherine Zammit armla ta Mikiel.
2. Din hija kawza frott ta taqtigha bejn membri tal-familja Zammit li s-sidien jidher li jridu juzawha biex jiehdu l-fond f'idejhom.
3. Dak li qed jinghad fir-rikors hu semplici Catherine Zammit qeghda fil-fond de quo ghaliex saret

cessjoni jew trasferiment tal-kirja lilha u min kien fil-post telaq.

4. Jirrizulta li l-fond kien mikri lil John Mary Zammit li kellu bosta tfal li kienu joqghodu mieghu fil-fond meta miet xi 37 sena ilu. Martu mietet 24 sena ilu. It-tfal min izzewweg u min ma zzewwigx. Zgur li fil-fond ghex dejjem ma hutu Mikiel Zammit il-kbir fost l-ahwa. Kien mizzewweg lil Caterina li wara z-zwieg marret toqghod mieghu fil-fond li dwaru qed issir it-taqtigha.

5. Wara il-mewt ta John Mary Zammit l-kirja ghaddiet fuq martu. Meta din giet nieqsa zgur li binhom Mikiel u martu Caterina kienu fil-fond u ghalhekk huma kif tghid il-ligi “membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqoghdu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu”. Meta miet Mikiel l-armla bis-sahha tal-ligi kellha l-jedd li tibqa hemm. Il-Bord m’ghandux ghalfejn jidhol fi kwistjonijiet min kien jghix ma Mikiel u martu Caterina (apparti uliedha) jekk kien jghix. L-importanti hu li Caterina Zammit wahedha jew ma ohrajn qeghda hemm bi dritt u mhux imhabba xi abbuz li sar kontra s-sidien b’cessjoni jew trasferiment tal-kirja. Din hija l-qaghda skond il-ligi, fihom x’fihom l-ircevuti li qatt ma gew pprezentati.

6. Il-Bord irid joqghod ma dak li jinghad fir-rikors. La fil-fond hemm kerrej li b’jedd tal-ligi specjali ma jistax il-Bord jidhol fi kwistjonijiet ohra li ma huma ser jaghmlu l-ebda differenza fl-ezitu tar-rikors.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom billi ma ppruvawx dak li jghidu fir-rikors. Kwazi r-rikors hu frivolu u vessatorju jew mibni fuq nuqqas ta taghrif moghti lill-avukati. Il-Bord m’hux ser jordna li jithallsu l-ispejjez doppji bit-tama li l-partijiet u l-familji taghhom ma jibqghux sejrin bi glied bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------